

Brussell, 10 ta' Settembru 2026
(OR. en)

12992/26

AVIATION 130
DELECT 141

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Settembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 6142 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'8.9.2026 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 965/2012 fir-rigward tal-limitazzjonijiet fuq il-ħin tat-titjir u l-ħin tas-servizz u r-rekwiżiti tal-mistrieħ għal taxi tal-ajru, għal servizzi mediċi ta' emerġenza u għal operazzjonijiet bi bdot wieħed

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 6142 final.

Mehmuż: C(2026) 6142 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.9.2026
C(2026) 6142 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 8.9.2026

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 965/2012 fir-rigward tal-limitazzjonijiet fuq il-ħin tat-titjir u l-ħin tas-servizz u r-rekwiżiti tal-mistrieħ għal taxi tal-ajru, għal servizzi mediċi ta' emerġenza u għal operazzjonijiet bi bdot wieħed

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-oġġettiv ta' dan l-att delegat huwa li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar il-limitazzjonijiet tal-ħin tat-titjir u tal-ħidma (FTL) u r-rekwiżiti tal-mistrieħ għal taxi tal-ajru, għal servizzi mediċi ta' emerġenza, u għal operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru bi bdot wieħed bl-ajruplani.

Barra minn hekk, dan l-att delegat għandu l-għan li jimmitiga r-riskji marbuta mal-akkumulazzjoni ta' ammonti inaċċettabbli ta' għeja mill-ekwipaġġ tal-ajru, u li jintroduċi qafas legali armonizzati għall-ġestjoni tal-għeja mfassal għal dawn l-operazzjonijiet, filwaqt li jiżgura kundizzjonijiet ekwi u livell uniformi ta' sikurezza tal-avjazzjoni ċivili madwar l-Unjoni.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mal-Artikolu 128(4) tar-Regolament (UE) 2018/1139⁽¹⁾, qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta ma' esperti maħturin minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

L-abbozz ta' dan l-att delegat ġie ppreżentat lill-grupp ta' esperti dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni, li jinkludi rappreżentanti mill-Istati Membri, fil-laqgħa tiegħu li saret fi JJ/XX/SS.

Dan l-abbozz ta' att delegat huwa bbażat fuq l-Opinjoni Nru 02/2026 tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) li l-kontenut tagħha kien inizjalment ikkonsultat pubblikament permezz tal-Avviż ta' Emenda Proposta (NPA) 2017-17 u sussegwentement mal-Korpi Konsultattivi tal-EASA permezz tal-NPA 2024-106.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 32(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 128 ta' dak ir-Regolament, li jistabbilixxu regoli dettaljati fir-rigward tal-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati mill-operaturi u mill-membri tal-ekwipaġġ tal-ajru tagħhom fir-rigward tal-limitazzjonijiet tal-ħin tat-titjir u tal-ħidma, kif ukoll tar-rekwiżiti ta' mistrieħ għall-membri tal-ekwipaġġ tal-ajru, u l-kundizzjonijiet u l-proċeduri rigward l-approvazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' skemi individwali għall-ispeċifikazzjoni tal-ħin tat-titjir.

F'konformità mal-Artikolu 139(3) tar-Regolament (UE) 2018/1139, ir-Regolament (KEE) Nru 3922/91 ⁽²⁾ jiġihassar mid-data tal-applikazzjoni ta' dan l-att delegat.

⁽¹⁾ [ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1](http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1139/oj), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1139/oj>.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili (ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1991/3922/oj>).

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'8.9.2026

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 965/2012 fir-rigward tal-limitazzjonijiet fuq il-ħin tat-titjir u l-ħin tas-servizz u r-rekwiżiti tal-mistrieħ għal taxi tal-ajru, għal servizzi mediċi ta' emerġenza u għal operazzjonijiet bi bdot wieħed

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012⁽²⁾ jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru, inklużi l-limitazzjonijiet fuq il-ħin tat-titjir u l-ħin tas-servizz (FTL) u r-rekwiżiti tal-mistrieħ għall-operaturi tat-trasport kummerċjali bl-ajru (CAT) b'ajruplani użati f'operazzjonijiet skedati u charter.
- (2) Meta ġew żviluppati r-rekwiżiti FTL għall-operaturi tal-Trasport Kummerċjali bl-Ajru (CAT) skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012, ġie deċiż li l-FTL jindirizzaw taxi tal-ajru, servizz mediku ta' emerġenza u operazzjonijiet bi bdot wieħed fi stadju aktar tard biex tkun tista' tinġabar evidenza xjentifika dwar il-fatturi li jaffettwaw l-għeja f'dawk l-operazzjonijiet.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012, l-FTL għall-operaturi tal-CAT ta' ajruplani użati għal taxi tal-ajru, għal servizz mediku ta' emerġenza (AEMS) u għal operazzjonijiet bi bdot wieħed, huma soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fil-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ⁽³⁾ u fis-Subparti Q tal-Anness III ta' dak ir-Regolament.

⁽¹⁾ [OJ L 212, 22.8.2018, p. 1](#), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1139/oj>.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1](#), ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2012/965/oj>).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili ([ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4](#), ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/1991/3922/oj>).

Jenħtieġ li dik id-deroga tibqa' valida sakemm jibdew japplikaw il-miżuri l-ġodda f'konformita' ma' dan ir-Regolament.

- (4) Ir-rekwiżiti tas-Subparti Q tal-Anness III tar-Regolament (KEE) Nru 3922/91 ġew żviluppatti għall-finijiet ta' operazzjonijiet skedati u charter b'aktar minn ekwipaġġ wieħed. Madankollu, japplikaw ukoll għal taxi tal-ajru fuq talba, għal AEMS u għal operazzjonijiet bi bdot wieħed, minkejja d-differenzi bejn daww l-operazzjonijiet u l-operazzjonijiet b'aktar minn ekwipaġġ wieħed, u t-tip ta' inġenju tal-ajru użat. Bl-istess mod, l-Anness III, is-Subparti Q tar-Regolament (KEE) Nru 3922/91 ma tistabbilix perġodu massimu tax-xogħol tat-titjir ta' kuljum għal operazzjonijiet bi bdot wieħed u għal AEMS, u ma tipprevedix xogħol ta' standby, mistrieħ meħud waqt it-titjira u xogħol kondiviż. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 965/2012 jiġi emendat biex jinkludi FTL adegwati għal operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru b'ajruplani għal taxi tal-ajru, għal AEMS u għal operazzjonijiet bi bdot wieħed.
- (5) In-natura tad-dmirijiet ta' bdot f'operazzjonijiet tal-avjazzjoni, bħat-taxis tal-ajru u l-AEMS, tvarja b'mod sinifikanti minn dik ta' bdot f'operazzjonijiet skedati jew charter peress li tipikament bdoti tat-taxis tal-ajru u tal-AEMS itiru anqas iżda għandhom vjaġġi itwal. L-operazzjonijiet tat-taxis tal-ajru u tal-AEMS jeħtieġu attività ta' 24 siegħa li tista' tinvolvi xogħol bix-xift, operazzjonijiet ta' billejl, skedi irregolari u imprevedibbli, u bidliet frekwenti fiż-żona tal-ħin. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit bilanċ ġust bejn ir-regoli preskrittivi u daww ibbażati fuq il-prestazzjoni peress li l-applikazzjoni ta' regoli simili mfassla għal ambjenti operatorji fundamentament differenti tmur kontra l-oġettiv li jiġi żgurat livell għoli u uniformi ta' sikurezza tal-avjazzjoni ċivili fl-Unjoni.
- (6) Jenħtieġ li jiġu introdotti miżuri speċifiċi ta' mitigazzjoni f'konformita' mal-oġettivi tal-protezzjoni tar-riskju stabbiliti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2018/1139 biex jirriflettu r-realtajiet operazzjonali tas-settur inkluż in-natura tat-titjiriet tat-taxi tal-ajru u tal-AEMS, li ma humiex miftuħa għall-pubbliku ġenerali, kif ukoll it-tip u l-iskala tal-operazzjonijiet, li huma anqas kumplessi u jinvolvu ajruplani anqas kumplessi minn servizzi skedati jew charter. Kull waħda minn daww il-miżuri ta' mitigazzjoni jenħtieġ li tkun immirata u jenħtieġ li tindirizza r-riskji ta' għeja identifikati li jirriżultaw minn Prattiki partikolari ta' skedar, perġodi ta' ħidma jew arranġamenti ta' mistrieħ.
- (7) Sabiex kunsiderazzjonijiet nazzjonali jew Prattiki operazzjonali partikolari jiġu indirizzati aħjar, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jidderogaw minn ċerti dispożizzjonijiet introdotti minn dan ir-Regolament jew jiddevjaw mill-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni relatati billi japplikaw rekwiżiti li l-livell ta' sikurezza tagħhom ikun mill-anqas ekwivalenti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Kwalunkwe deroga jew devjazzjoni minn dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi nnotifikata u ssegwi r-regoli skont l-Artikolu 71 u l-Artikolu 76(7) tar-Regolament (UE) 2018/1139, li jiżguraw deċiżjonijiet trasparenti u nondiskriminatorji bbażati fuq kriterji oġġettivi.
- (8) Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel mis-Subparti Q applikabbli bħalissa tal-Anness III tar-Regolament (KEE) Nru 3922/91 u mir-regolamenti nazzjonali tal-Istati Membri, l-operaturi u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien biex jaġġornaw id-dokumenti operazzjonali tagħhom, jimplimentaw għodod tas-software xierqa, u jħarrġu lill-persunal rilevanti biex

jikkonforma mal-miżuri l-ġodda. Għaldaqstant, jenħtieġ li d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi differita.

- (9) Il-punti ARO.OPS.235 tal-Anness II u ORO.FTL.125 tal-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 965/2012 jenħtieġ li jiġu aġġornati biex jiġu allinjati mar-Regolament (UE) 2018/1139 u biex jitneħħew ir-referenzi obsoleti, mingħajr ma jiġi introdott ebda impatt ekonomiku, soċjali jew amministrattiv negattiv fuq il-membri, l-operaturi jew l-awtoritajiet kompetenti tal-ekwipaġġ tal-ajru. Sabiex jappoġġaw lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-aġġornament tal-proċeduri ta' approvazzjoni tagħhom, jenħtieġ li daww il-punti japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għal operazzjonijiet skedati u charter.
- (10) Filwaqt li l-qafas regolatorju eżistenti diġà jirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jimmonitorjaw u jsegu l-okkorrenzi rrapportati tas-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili, jiżguraw l-oġġla livell ta' sikurezza tal-avjazzjoni u jimmitigaw ir-riskji assoċjati mal-għeja, huwa importanti li l-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda tiġi mmonitorjata b'mod attiv mill-Istati Membri u mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea ("l-Aġenzija"), li għandha s-setgħa, skont l-Artikolu 85(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139, li twettaq spezzjonijiet u attivitajiet oħra ta' monitoraġġ bil-ħsieb li tiżgura l-applikazzjoni uniformi ta' dak ir-Regolament u tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tiegħu.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-Opinjoni Nru 02/2026 ⁽⁴⁾ maħruġa mill-Aġenzija f'konformità mal-Artikolu 76(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 965/2012 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, jiżdiedu l-punti (16), (17) u (18) li ġejjin:

“(16) “titjira ta' servizz mediku ta' emerġenza permezz ta' ajruplan (AEMS) ” tfisser titjira permezz ta' ajruplan fejn it-trasport immedjat u rapidu jkun essenzjali, u li jkollha l-karatteristiċi kollha li ġejjin:

(a) l-għan tagħha huwa li tiffaċilita l-assistenza medika ta' emerġenza, billi jgħorr wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(i) persunal mediku;

(ii) provvisti mediċi (tagħmir, demm, organi, mediċini);

(iii) persuni morda jew imwegġġhin u persuni oħra li jkunu involuti b'mod dirett;

(b) tinkludi setturi li jittajru biex jippożizzjonaw ajruplan għall-għan li jgħorr il-persuni msemmija fil-punti (a)(i) jew (a)(iii), jew provvisti mediċi msemmija fil-punt (a)(ii), jew li jirritornaw l-ajruplan lejn il-bażi operatorja tal-AEMS;

⁽⁴⁾ <https://www.easa.europa.eu/en/document-library/opinions>.

- (17) “operazzjoni skedata” tfisser sensiela ta’ titjiriet li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:
- (i) fuq kull titjira, is-sits jew il-kapaċità tat-trasport tal-merkanzija jew tal-posta jkunu disponibbli għax-xiri individwali mill-pubbliku, jew direttament mit-trasportatur tal-ajru jew mill-aġenti awtorizzati tiegħu;
 - (ii) tkun operata b’tali mod li taqdi t-traffiku bejn l-istess żewġ ajruporti jew aktar, b’wieħed mill-modi li ġejjin:
 - skont skeda ppubblikata,
 - b’titjiriet tant regolari jew spissi li jikkostitwixxu serje sistematika rikonoxxibbli;
- (18) “operazzjoni charter” tfisser CAT fuq talba mhux skedata b’ajruplan b’konfigurazzjoni massima operattiva ta’ sits tal-passiġġieri (MOPSC) ta’ 20 jew aktar.”;

- (2) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 8

Limitazzjonijiet fuq il-ħin tat-titjir

1. L-operazzjonijiet tal-CAT b’ajruplani għall-ħin ta’ operazzjonijiet skedati u charter għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tas-Subparti FTL (A) tal-Anness III. L-operazzjonijiet tal-CAT b’ajruplani għall-ħin ta’ servizz mediku ta’ emerġenza u operazzjonijiet ta’ taxi tal-ajru għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tas-Subparti FTL (B) tal-Anness III.
2. Fir-rigward tal-limitazzjonijiet fuq il-ħin tat-titjir u r-rekwiżiti tal-mistrieħ, l-operazzjonijiet tal-CAT bil-ħelikopters għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti speċifikati fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li fih l-operatur ikollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu.
3. Fir-rigward tal-limitazzjonijiet fuq il-ħin tat-titjir u r-rekwiżiti tal-mistrieħ, l-operazzjonijiet mhux kummerċjali, inkluż operazzjonijiet mhux kummerċjali speċjalizzati, b’ajruplani u b’helicopters kumplessi li jaħdmu b’magna, kif ukoll operazzjonijiet kummerċjali speċjalizzati b’ajruplani u b’helicopters għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti speċifikati fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li fih l-operatur ikollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu, jew, fejn l-operatur ma jkollux il-post prinċipali tan-negozju, il-post fejn l-operatur ikun stabbilit jew residenti.
4. Fir-rigward tal-limitazzjonijiet fuq il-ħin tat-titjir, operatur tal-mobbiltà bl-ajru innovattiva (IAM) għandu jikkonforma mar-rekwiżiti speċifikati fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li fih l-operatur ikollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu, jew, fejn l-operatur ma jkollu l-ebda post prinċipali tan-negozju, il-post fejn huwa stabbilit jew jirrisjedi l-operatur.”;

- (3) fl-Artikolu 9b, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

- “1. L-Aġenzija u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw l-effettività tal-limitazzjonijiet fuq il-ħin tat-titjir u l-ħin tas-servizz u r-rekwiżiti tal-mistrieħ stabbiliti f’dan ir-Regolament.”;

- (4) l-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;
(5) l-Anness III huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-15 ta' Ottubru 2028.

Madankollu, l-Anness I u l-punt (4) tal-Anness II għandhom japplikaw minn [[l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament](#)].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8.9.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN